Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2021



JANNAR

**Evanġelizzazzjoni: Il-bnedmin kollha aħwa**

Jalla l-Mulej jagħtina l-grazzja li ngħixu f'għaqda waħda ma' ħutna li jħaddnu reliġjonijiet oħra, billi nitolbu għal xulxin b'qalb miftuħa għal kulħadd.



FRAR

**Universali: Il-Vjolenza kontra n-nisa**

Nitolbu għan-nisa li huma vittmi tal-vjolenza, biex is-soċjetà tħarishom u tagħti l-attenzjoni u l-importanza mistħoqqa lit-tbatijiet tagħhom.



MARZU

**Evanġelizzazzjoni: Is-Sagrament tar-Rekonċiljazzjoni**

Nitolbu biex ngħixu l-esperjenza tas-sagrament tar-rekonċiljazzjoni b'mod aktar profond, ħalli nduqu l-ħniena bla qies ta' Alla.



APRIL

**Universali: Id-Drittijiet Fundamentali**

Nitolbu għal dawk li jirriskjaw ħajjithom fit-taqbida għad-drittijiet fundamentali fejn hemm dittaturi, mexxejja awtoritarji kif ukoll demokraziji li jinsabu fi kriżi.



MEJJU

**Universali: Id-dinja tal-finanzi**

Nitolbu biex dawk li qed imexxu l-finanzi jaħdmu id f'id mal-gvernijiet biex jirregolaw dan is-settur u jipproteġu ċ-ċittadini mill-perikli f'dan il-qasam.



ĠUNJU

**Evanġelizzazzjoni: Is-sbuħija taż-żwieġ**

Nitolbu għaż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ bl-għajnuna tal-komunità Nisranija: jalla jikbru fl-imħabba bil-ġenerożità, il-fedeltà u s-sabar.

Network Dinji ta'
Talb mal-Papa
MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2021



LULJU

**Universali: Il-ħbiberija soċjali**

Nitolbu biex, f'sitwazzjonijiet ta' konflitti soċjali, ekonomiċi u politiċi, inkunu kapaċi nibnu b'kuraġġ u ħeġġa d-djalogu u l-ħbiberija.



AWWISSU

**Evanġelizzazzjoni: Il-Knisja**

Nitolbu għall-Knisja biex tirċievi mingħand l-Ispirtu s-Santu il-grazzja u l-forza li ġġedded lilha nfisha fid-dawl tal-Vanġelu.



SETTEMBRU

**Universali: Stil ta' ħajja għal ambjent sostenibbli**

Nitolbu biex ilkoll kemm aħna nagħmlu għażliet kuraġġużi għal stil ta' ħajja sempliċi u favur ambjent sostenibbli, filwaqt li nifirħu b'dawk iż-żgħażagħ tagħna li qed jimpenjaw ruħhom b'mod determinat favur l-ambjent.



OTTUBRU

**Evanġelizzazzjoni: Dixxipli missjunarji**

Nitolbu biex kull min hu mgħammed jikkommetti ruħu fl-evanġelizzazzjoni, ikun dispost biex jagħti sehmu f'din il-missjoni, billi jkun xhieda ta' ħajja mfassla fuq il-Vanġelu.



NOVEMBRU

**Universali: Għal dawk li jbatu bid-depression**

Nitolbu biex kull min qed ibati minn xi depression jew burn-out isib l-għajnuna li jeħtieġ u jsib xaqq dawl ta' tama fil-ħajja.



DIĊEMBRU

**Evanġelizzazzjoni: Il-Katekisti**

Nitolbu għall-katekisti, imsejħa biex iħabbru l-Kelma t'Alla: jalla jkunu xhieda tagħha, bil-kuraġġ u l-kreatività, u bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu.